MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 640/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Cameron Manuela Katharina (ID 58542A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tlieta u sittin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€863.41c), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40150021).

Illi 'nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 768/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-2 ta' Mejju, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

<u>Dokumenti Mehmuza:</u>

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 768/14

Dok E – Traduzzjoni tat-Talba

Ra mill-atti illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 ta' Marzu, 2015 mill-Avukata Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija tlieta u sittin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€863.41c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------